# VIŻJONI MALTA 2050: PJAN NAZZJONALI GĦALL-ĠEJJIENI



**OLAF MCKAY**
Sindku tal-Belt Valletta



F'kuntest internazzjonali mimli inċertezza ekonomika, instabbiltà politika u pressjonijiet soċjali dejjem jikbru, Malta llum tista' tħares 'il quddiem b'kunfidenza iżda b'għaqal.

Dan għaliex hemm direzzjoni ċara, tmexxija soda u viżjoni li tmur lil hinn mill-ġurnata tal-lum. Ir-riżultati miksuba fl-aħħar snin juru b'mod ċar li l-politika tal-Gvern Laburista mhijiex mibnija fuq slogans, kastelli fl-arja, iżda fuq fatti, fuq proġetti tanġibbli.

Il-Baġit 2026 jibqa' xhieda ċara ta' dan l-approċċ. B'allokazzjoni rekord ta'€9.3 biljun, dan huwa l-aktar baġit soċjali fl-istorja ta' pajjiżna. Baġit li jerġa' jikkonferma l-prinċipju fundamentali tal-politika Laburista: ekonomija b'saħħitha biex terġa' tinvesti fin-nies. U tassew, dan huwa baġit li jpoġġi l-familja fiċ-ċentru tiegħu, fejn kull miżura: mit-tnaqqis fit-taxxa, għall-edukazzjoni, għall-pensjonijiet, tqiegħed lill-familja Maltija u Għawdxija fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet.

It-tnaqqis fit-taxxa, l-akbar fl-istorja ta' Malta, qed jagħti serħan finanzjarju reali lil eluf ta' ġenituri. Fl-istess waqt, iż-żieda fil-pensjonijiet għall-11-il sena konsekuttiva hija sinjal ċar ta' politika li tirrispetta d-dinjità tal-anzjani u tagħraf il-kontribut tagħhom fis-soċjetà. Dawn mhumiex miżuri iżolati, iżda parti minn mudell soċjali li jemmen li l-progress għandu jintlaħaq minn kulħadd. Baġit li kompla jqassam il-ġid u ma ħa xejn mingħand in-nies.

Ekonomikament, Malta kisbet tragward storiku. Għall-ewwel darba fl-istorja, pajjiżna kellu l-inqas rata ta' qgħad fl-Unjoni Ewropea dak taħt it-3%. Illum għandna aktar minn seba' opportunitajiet ta' xogħol għal kull persuna li qed tfittex impjieg. Dan mhux biss juri ekonomija li qed tikber, iżda waħda li qed toħloq ġid u opportunitajiet reali, sinjal ċar ta' fiduċja fl-ekonomija u fl-istabbiltà tal-pajjiż.

Il-Viżjoni Malta 2050 hija mibnija fuq erba' pilastri ewlenin li jiggwidaw l-iżvilupp tal-pajjiż fit-tul: tkabbir ekonomiku sostenibbli, imsaħħaħ minn setturi ta' valur għoli bħall-ekonomija diġitali, l-innovazzjoni u turiżmu ta' kwalità; servizzi aċċessibbli u biċ-ċittadin fiċ-ċentru, b'enfasi fuq housing affordabbli, kura tas-saħħa u komunitajiet b'saħħithom; pajjiż aktar reżiljenti b'sistema edukattiva moderna u tadatta għat-tibdil fil-klima; kif ukoll użu intelliġenti tal-art u tal-baħar, b'ippjanar effiċjenti, ħarsien tar-riżorsi naturali u bilanċ bejn l-iżvilupp u s-sostenibbiltà.

Il-Gvern qed juri wkoll impenn qawwi lejn l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja. L-akbar allokazzjoni kapitali għall-enerġija u l-ambjent, investiment fit-tieni interconnector, parks nazzjonali ġodda u kampanja ambizzjuża ta' tħawwil ta' aktar minn 100,000 siġra huma passi konkreti lejn futur aktar sostenibbli, Din l-inizjattiva hija parti minn sensiela usa' ta' proġetti ambjentali, immirati biex itejbu u jsebbħu l-pajsaġġ naturali tagħna.

Il-Viżjoni Malta 2050 qed tiġi mibnija bħala qafas fit-tul li jiggwida l-iżvilupp tal-pajjiż b'mod bilanċjat u sostenibbli. Hija mfassla biex tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-lum iħejju futur b'aktar stabbiltà, opportunitajiet u kwalità ta' ħajja aħjar, permezz ta' ħidma konġunta bejn il-Gvern, in-negozji u s-soċjetà kollha.

Dan juri li t-tkabbir ekonomiku u r-responsabbiltà ambjentali mhumiex kunċetti li jikkuntrastaw, iżda jistgħu jimxu id f'id. F'dan il-kuntest ambjentali u ta' spazji pubbliċi, pass kruċjali ieħor huwa l-mod kif qed jiġu rkuprati u miftuħa lura għall-poplu siti nazzjonali ta' importanza storika u naturali. White Rocks, Fort Campbell u Manoel Island mhumiex biss proġetti ambjentali, iżda dikjarazzjoni politika ċara. Dawn is-siti qed jiġu żviluppati b'viżjoni fit-tul, b'enfasi fuq aċċessibbiltà, spazji miftuħa, rikreazzjoni u kwalità tal-ħajja. Fl-istess spirtu, beda wkoll il-proċess sabiex Forti Tigné jerġa' jingħata lura lill-poplu, kif iddikjara b'determinazzjoni l-Prim Ministru. Minn spazji magħluqa u limitati, għal ġawhar miftuħa għall-familji, iż-żgħażagħ u l-komunità kollha, din hija politika li tqiegħed il-ġid komuni qabel kull interess.

Fuq livell internazzjonali, Malta kompliet issaħħaħ il-kredibbiltà tagħha. Aġenziji ta' rating u istituzzjonijiet bħall-Internation Monetary Fund (IMF), (DBRS) u l-Kummissjoni Ewropea jikkonfermaw ekonomija li qed tikber b'ritmu ferm ogħla mill-medja Ewropea. Fl-istess ħin, il-politika barranija tagħna baqgħet waħda ta' prinċipji, bil-Presidenza fil-Kunsill tal-Ewropa u r-rikonoxximent storiku tal-Istat Palestinjan, pass kuraġġuż u konsistenti.

Meta wieħed ipoġġi dawn l-elementi kollha flimkien, il-miżuri soċjali, it-tkabbir ekonomiku, l-investiment fl-ambjent, fl-infrastruttura u fl-ekonomija diġitali, tidher stampa waħda ċara.

Dawn mhux sensiela ta' deċiżjonijiet każwali, iżda viżjoni ppjanata, ikkalkulata u sostenibbli, xejn ħlief it-triq lejn il-Viżjoni Malta 2050.

Filwaqt li pajjiżi oħra qed jaffaċċjaw żidiet fit-taxxi u instabbiltà politika, Malta qed tkompli timxi 'l quddiem b'serjetà u b'konsistenza.

Dan il-Gvern qed jaġixxi u jwettaq fl-interess tal-Maltin u l-Għawdxin kollha.